# MI-KA-EL

## (Quis ut Deus)

"Min bħal Alla?" nsama' jidwi
Fl-iżjed għoli tas-Smewwiet:
Kien bħal-leħen ta' tempesta
Leħen dawk it-tliet kelmiet.

"Min bħal Alla?" u qtajja' qtajja'
Rwieħ mixgħula b'dawl is-sliem
Daru sfieq u għalenija
Ma' min lissen dak il-kliem.

Bla ma tqanqal mis-skiet tiegħu
Ħarsa xeħet il-Mulej,
U ra kollox f'leħħa waħda,
Dak li għadda u dak li ġej.

Leħen ieħor stama' jidwi,
Bħal ta' ragħda fil-widien:
"Sal-Kbir Alla jien nixxabbat
U nkun bħalu: Alla u Jien."

U madwar Luċifru mkabbar
B'nar il-Qilla mixgħulin,
Qtajja' rwieħ inġabru w għajtu:
"Aħna miegħek imxirkin."

Bla ma tqanqal eċċ.

Bdiet taqbida: qishom vleġeġ
Bdew jissallbu l-ħsebijiet,
U bħal xrar ħarriebi jleħħu
Ta' kull rieda t-tqanqiliet.

Ta' Luċifru l-ġenb lemini
Beda jerħi . . . xxejjer . . .miel:
Wiċċu xemx, ħafif bħal berqa
Deh'r fuq l-għadu San Mikiel.

Bla ma tqanqal eċċ.

DUN KARM